MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2012

Numru 698/2002

Il-Pulizija
(Spettur Martin Sammut)

vs

Andrew Formosa

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 356484M akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer:

1. nhar il-3 ta’ Gunju 2005 fi xi hin bejn it-tlieta ta’ wara nofs in-nhar (15.00hrs) u l-erbgha u nofs ta’ wara nofs in-nhar (16.30hrs) gewwa San Giljan bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-eskuzzjoni tad-delitt, meta ittanta kkometta serq ta’ diversi oggetti ghall-ammont komplensiv ta’ inqas minn Lm1000, mill-Kamra 6068 La Vallette Resort Hotel, Triq id-

Dragonara, San Giljan, ghad-dannu ta’ La Vallette Resort Hotel u persuni ohra, liema serq kieku sehh kien ikun aggravat bil-‘mezz’, ‘valur’, ‘persuna’ u ‘lok’, liema delitt ma kienx giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu u dan bi ksur ta’ Artikoli 41, 261, 263, 267, 268, 269 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. nhar il- 3 ta’ Gunju 2005, f’ xi hin bejn it-tlieta ta’ wara nofs in-nhar (15.00hrs) u l-erbgha u nofs ta’ wara nofs in-nhar (16.30hrs) gewwa San Giljan volontarjament, hassar, ghamel hsara , jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioè ghamara fil-fond La Vallette Resort Hotel, Triq id-Dragonara, San Giljan, liema hsara jiskorri il-hamsin Liri Maltin (Lm50) izda mhux aktar minn hames mitt Lira Maltin (Lm500) u dan ghad-dannu ta’ La Vallette Resort Hotel u persuni ohra, u dan kollu bi ksur ta’ Artikolu 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. nhar it-3 ta’ Gunju 2005, ghal-habta tal-erbgha u nofs ta’ wara nofs in-nhar (16:30hrs), gewwa Triq id-Dragonara, San Giljan, ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Michael Coppini skond kif certifikat minn Dr. M. Spiteri MD u dan kollu bi ksur ta’ Artikolu 221 ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. nhar it-3 ta’ Gunju 2005, ghal- habta tal-erbgha u nofs ta’ wara nofs in-nhar (16.30hrs), gewwa Triq id-Dragonara, San Giljan, minghajr ma darab jew sawwat hedded bi hwejjeg iebsin jew waddabhom jew qabad armi kontra n-nies u dan kollu bi ksur ra; Artikolu 339(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. nhar it-3 ta’ Gunju 2005, ghal-habta tal-erbgha u nofs ta’ wara nofs in-nhar (16.30hrs), gewwa Triq id-Dragonara, San Giljan, kellu f’idu jew fuqu sikkina, ta’ kull xorta li tkun, b’xafra jew bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan kollu bi ksur ta’ Artikolu 13 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. nhar it-3 ta’ Gunju 2005, ghal-habta tal-erbgha u nofs ta’ wara nofs in-nhar (16.30hrs), gewwa Triq id-Dragonara, San Giljan, fil-hin li ghamel delitt kontra l-

persuna jew delitt ta’ serq jew ta’ hsara lil propjeta’ jew fil-hin li gie arrestat kellu fuq il-persuna tieghu arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari u dan kollu bi ksur ta’ Artikolu 26 ta’ Kap 66 tal-Ligijiet ta’ Malta;

7. nhar it-3 ta’ Gunju 2005, ghal-habta tal-erbgha u nofs ta’ wara nofs in-nhar (16.30hrs), gewwa Triq id-Dragonara, San Giljan, hebb kontra l-persuni ta’ Michael Coppini u John Meli, sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara lil dawn il-persuni jew lil haddiehor u dan kollu bi ksur ta’ Artikolu 339 (1)(d) ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

8. nhar it-3 ta’ Gunju 2005, ghal-habta tal-erbgha u nofs ta’ wara nofs in-nhar (16.30hrs), gewwa Triq id-Dragonara, San Giljan, injurja jew hedded lil Michael Coppini u John Meli u dan bi ksur ta’ Artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

9. nhar l-1 ta’Gunju 2005 f’xi hin bejn is-sitta (18.00hrs) u is-sebgha u kwart (19.15hrs) ta’ filghaxija, ikkometta serq ta’ computer laptop tal-marka Compaq, telefon tal-marka Motorola u costume jewellery ghal ammont komplensiv ta’ aktar minn mitt Lira (Lm 100), izda anqas minn elf Lira (Lm 1000), minn gewwa kamra 5045 La Vallette Hotel, Triq id-Dragonara, ghad-dannu ta’Charlette Normann, liema serq huwa aggravat bil- mezz, valur , persuna u lok u dan bi ksur ta’ Artikoli 261, 263, 267, 268, 269 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

10. nhar l-1 ta’Gunju 2005, f’xi hin bejn is-sitta (18.00hrs) u is-sebgha u kwart (19.15hrs) ta’ filghaxija, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioè ghamara fil-fond La Vallette Resort Hotel, Triq id-Dragonara, San Giljan, liema hsara tiskorri il-hamsin Lira Maltin (Lm50) izda mhux aktar minn hames mitt Lira Maltin (Lm500) u dan ghad-dannu ta’ La Vallette Resort Hotel u persuni ohra u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat in-nota tal-Avukat Generali li l-kawza tinstema’ sommarjament, mhux opposta;

Semghet il-provi

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuza fl-liema ammissjoni baqa’ jinsisti anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Fuq l-iskorta tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat issibu hati;

Rat l-Artikolu 41, 261 (b) (c) (d) (e), 263, 267, 268, 269, 278 (1) (2), 325 (b), 221, 339 (1) (b) (d) (e) u 17 tal-Kap 17, Artikolu 13, 26 tal-Kap 66.

Tapplika l-Artikolu 7 tal-Kap 446 ghal tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------